# U DIN SEJHULHA MĦABBA!

Imħabba kullimkien.....
Bews kullimkien: fid-dawl, fid-dlamijiet,
fl-agħjat u l-ġenn taż-żfin,
fuq ix-xtajtiet, fit-toroq,
tgħanniq u bews fuq it-televiżjoni,
fuq il-liżar taċ-ċinema,
fuq il-palkijiet.

Bews li jrid juri mħabba,
imħabba l-iktar sħiħa:
imħabba li jgħannuha lejl u nhar
f'eluf ta' għanjiet sbieħ,
bi kliem lelliex,
għanjiet ta' mħabba
li jerġgħu jisimgħuhom u jsemmgħuhom
fuq diski u radjijiet.

* * *

Mibegħda kullimkien ....
Ġlied kullimkien: fid-djar u ġewwa l-qrati
l-agħjat u l-ġenn tal-għira,
il-firda bla mistrieħ.
Mibegħda u ġlied fuq it-televiżjoni,
fuq il-liżar taċ-ċinema,
fuq il-palkijiet.
Ġlied li jurik il-firda u l-mibegħda,
divorzju kullimkien.

Mibegħda li jħossuha l-qlub imkissra,
qlub ta' familji mfarrka,
l-iltiema u t-tfal mitluqa
li jibqgħu jbatu u jistħu għal għomorhom
lil min għanna l-imħabba,
lil min tgħannaq u tbewwes
u lilhom ġabhom hawn fid-dinja
biex jinħaqru.

**DUN FRANS CAMILLERI.**